Nru./No. 21,671
Prezz/Price
€0.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 18 ta' Ġunju, 2026
Thursday, 18th June, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,765 - 12,767
Government Notices ..... *12,765 - 12,767*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,768 - 12,770
Notices ..... *12,768 - 12,770*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,770 - 12,772
Court Notices ..... *12,770 - 12,772*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 907

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-18 ta' Ġunju, 2026

(File No. L/216/2016)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħaż-Żabbar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 302 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Masġar, mil-Lvant ma' Triq Misraħ San Nikola u mill-Punent ma' Triq ix-Xgħajra jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 2026_0539, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 67 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-art hawn fuq imsemmija hu ta' tliet mija u disgħin elf u tliet mija u wieħed u għoxrin Ewro (€390,321), skont l-istima li saret mill-Periti Leonard Zammit, Claire Carter u Bernice Van Dijk, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 907

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

18th June, 2026

Description of the Land

The following land at Ħaż-Żabbar:

A plot of land measuring about 302 square metres, bounded on the North by Triq il-Masġar, on the East by Triq Misraħ San Nikola and on the West by Triq ix-Xgħajra or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan P.D. 2026_0539, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 67 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned land is three hundred and ninety thousand, three hundred and twenty-one Euros (€390,321), according to the valuation made by Architects Leonard Zammit, Claire Carter u Bernice Van Dijk, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-18 ta' Ġunju, 2026

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 12,767.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art f'Ħaż-Żabbar, meħtieġa għal finijiet ta' esproprazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta qegħdin niffissaw il-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ħaż-Żabbar, li hija meħtieġa mill-Gvern għal Skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġ uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 302 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Masġar, mil-Lvant ma' Triq Misraħ San Nikola u mill-Punent ma' Triq ix-Xgħajra jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2026_0539, u stmata għall-valur ta' tliet mija u disgħin elf u tliet mija u wieħed u għoxrin Ewro (€390,321).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fit-28 ta' Lulju, 2016. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Leonard Zammit
Perit Claire Carter
Perit Bernice Van Dijk

Il-11 ta' Ġunju, 2026

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

18th June, 2026

This site plan is being published on page 12,767.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Ħaż-Żabbar, required for expropriation purposes for public purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are assessing the freehold and unencumbered value of the undermentioned property in Ħaż-Żabbar, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 302 square metres, bounded on the North by Triq il-Masġar, on the East by Triq Misraħ San Nikola and on the West by Triq ix-Xgħajra or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2026_0539, and the compensation is valued for three hundred and ninety thousand, three hundred and twenty-one Euros (€390,321).

Note: This is an extract of the original report given by us on the 28th July, 2016. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.


(Sgd) Architect Perit Leonard Zammit
Architect Claire Carter
Architect Bernice Van Dijk

11th June, 2026

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only

27A




Scale 1:250

0 5 10 15 20 25m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **444135 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 58620 y = 70761**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5870**	Data: *Date:* **11/06/2026**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Area - 302m² (circa)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 413171

Dritt imħallas *Fee Paid*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

Ir-*Writ* mill-President ta' Malta bid-data tat-18 ta' Ġunju, 2026, li huwa riprodott hawn taħt, huwa pubblikat għall-finijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 44 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354).

It-18 ta' Ġunju, 2026

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

ATT TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

WRIT mill-President ta' Malta

LIL

Is-Sur Joe Camilleri
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

U

Is-Sa Melanie Azzopardi
Dott. Veronique Dalli
Is-Sur Richard Dimech
Dott. Dianne Galea
Dott. Ian Micallef
Is-Sa Marion Portelli
Is-Sur Salvu Sant
Dott. Victor Scerri
Is-Sur Angelito Sciberras
Is-Sur Joseph Scicluna

Kummissjonarji Elettorali maħtura biex imexxu l-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati.

BILLI l-Onor. Carmelo Abela, MP, ġie elett bħala Membru tal-Kamra tad-Deputati għat-Tielet Distrett Elettorali skont l-Avviż Numru 822 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-l ta' Ġunju, 2026 mill-Kummissjoni Elettorali skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 106 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354);

U BILLI l-Onor. Carmelo Abela, MP, qabel ma ħa u ffirma quddiem il-Kamra l-ġurament ta' lealtà u għalhekk qabel ma seta' jitħalla jieħu parti fil-proċeduri tal-Kamra tad-Deputati kif jipprovdi l-artikolu 68 tal-Kostituzzjoni, rriżenja mis-siġġu Parlamentari li huwa ġie elett għalih b'kitba minn taħt idejh indirizzata lill-Kummissjoni Elettorali u notifikata lill-Iskrivan tat-Kamra tad-Deputati li skont is-subartikolu (2) tal-artikolu

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

The Writ by the President of Malta dated 18th June, 2026, reproduced hereunder, is published for the purposes of subarticle (2) of article 44 of the General Elections Act (Cap. 354).

18th June, 2026

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

GENERAL ELECTIONS ACT, 1991

WRIT by the President of Malta

TO

Mr Joe Camilleri
Chief Electoral Commissioner

AND

Ms Melanie Azzopardi
Dr Veronique Dalli
Mr Richard Dimech
Dr Dianne Galea
Dr Ian Micallef
Ms Marion Portelli
Mr Salvu Sant
Dr Victor Scerri
Mr Angelito Sciberras
Mr Joseph Scicluna

Electoral Commissioners appointed for conducting the election of Members of the House of Representatives.

WHEREAS the Hon. Carmelo Abela, MP, was elected as Member of the House of Representatives for the Third Electoral Division in accordance with Notice Number 822 published in the Government Gazette of the lst June 2026 by the Electoral Commission in accordance with the provisions of sub-article (2) of article 106 of the General Elections Act (Cap 354);

AND WHEREAS the Hon. Carmelo Abela MP before taking and subscribing the oath of allegiance before the House and therefore before being permitted to take part in the proceedings of the House of Representatives as provided in article 68 of the Constitution, resigned the parliamentary seat to which he was elected by writing under his hand addressed to the Electoral Commission and notified to the Clerk of the

106 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jiġi depożitat miegħu l-avviż maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali kif ukoll lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta u dan in soddisfazzjon tar-rekwiżiti tal-artikolu 122 tal-Kostituzzjoni ta' Malta moqri flimkien mal-artikolu 68 tal-istess Kostituzzjoni;

U BILLI u minħabba dik ir-riżenja għandha ssir elezzjoni ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati għat-Tielet Distrett Elettorali;

INTOM B'DAN INKARIGATI biex tieħdu ħsieb li ssir elezzjoni ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati għat-Tielet Distrett Elettorali skont il-liġi biex jimtela' l-post hekk imbattal.

MOGĦTI MILL-PALAZZ
ta' SANT'ANTON, fil-Gżira ta'
Malta, illum, 18 ta' Ġunju, 2026

(Iffirmat) MYRIAM SPITERI DEBONO
President

B'Awtorità

(Iffirmat) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw li, skont ir-Regolament 18 tar-Regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), ser issir Elezzjoni Każwali biex jimtela l-post li ħalla l-Onor. Carmelo Abela, MP, għat-Tielet Distrett Elettorali.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-18 ta' Ġunju, 2026

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

Il-Kummissjonarji Elettorali se jkunu fl-Uffiċċju tagħhom, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar il-Ġimgħa, id-19, is-Sibt, l-20, il-Ħadd, il-21, it-Tnejn, it-22, u t-Tlieta, it-23

House of Representatives with whom according to sub-article (2) of article 106 of the General Elections Act the said notice is deposited and to Her Excellency the President of Malta and this in fulfilment of the requirements of article 122 of the Constitution read in conjunction with article 68 of the same Constitution;

AND WHEREAS in consequence of such resignation an election of a member of the House of Representatives is to be held in the Third Electoral Division;

YOU ARE HEREBY COMMISSIONED to cause an election of Member of the House of Representatives for the Third Electoral Division to be held according to law to fill the seat so vacated.

GIVEN AT SANT'ANTON
PALACE, in the Island of Malta,
this 18th day of June, 2026

(Sgd.) MYRIAM SPITERI DEBONO
President

By Authority

(Signed) ROBERT ABELA
Prime Minister

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of Regulation 18 of the Regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act (Cap.354), that a Casual Election shall be held to fill the seat vacated by the Hon. Carmelo Abela, MP, for the Third Electoral Division.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

18th June, 2026

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

The Electoral Commissioners will be in attendance at their Office, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Friday, 19th, Saturday, 20th, Sunday, 21st, Monday, 22nd and

ta' Ġunju, 2026, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati biex jimtela l-post li ħalla l-Onor. Carmelo Abela, MP.

Jiġu aċċettati wkoll nomini onlajn permezz tal-websajt (www.electoral.gov.mt) fil-ħinijiet kollha bejn id-9.00 a.m. tal-Ġimgħa, id-19 ta' Ġunju, 2026, u strettament sa nofsinhar (ħin ta' Malta) tat-Tlieta, it-23 ta' Ġunju, 2026. Kandidati li jagħżlu li ma jħallsux id-depożitu onlajn iridu jassiguraw illi jagħmlu dan bl-idejn sa mhux aktar tard min-nofsinhar tat-Tlieta, it-23 ta' Ġunju, 2026.

Il-Kummissjonarji Elettorali javżaw ukoll illi meta kandidat prospettiv ma jkunx jista' jippreżenta n-nomina tiegħu personalment minħabba mard jew għax ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer u jawtorizza rappreżentant tiegħu biex jippreżenta n-nomina minfloku, l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi ppreżentata n-nomina għandha ssir permezz ta' prokura ffirmata minn Nutar Pubbliku jew Kummissarju b'setgħa li jagħti ġurament.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-18 ta' Ġunju, 2026

Tuesday, 23rd June, 2026, from 9.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates to fill the seat vacated by the Hon. Carmelo Abela, MP.

Online nominations may be submitted through the website (www.electoral.gov.mt) during all hours from 9.00 a.m. of Friday, 19th June, 2026, till (strictly) noon (Malta time) of Tuesday, 23rd June, 2026. Candidates who opt not to settle their deposit online must ensure that they do so by hand by not later than noon of Tuesday, 23rd June, 2026.

The Electoral Commissioners hereby further notify that when a prospective candidate is unable to submit his nomination personally due to illness or absence from these Islands and authorises his representative to submit the nomination on his behalf, the authorisation for the presentation of the nomination shall be effected through a power of attorney duly signed by a Notary Public or a Commissioner authorised to administer an oath.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

18th June, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1601

BILLI Yvonne Galea ppreżentat rikors ġuramentat numru 21/2026 (FG) fl-ismijiet: "Yvonne Galea vs Direttur Reġistru Pubbliku" fejn talbet il-korrezzjoni tal-ATT TATTWELID tar-rikorrenti Jane Galea née Gauci reġistrat Għawdex, bir-reġistrazzjoni numru 433/1960, l-ATT TAŻ-ŻWIEĠ tar-rikorrenti reġistrat Għawdex, bin-numru 212/1982, l-ATT TAT-TWELID ta' bint ir-rikorrenti Hilda Grech bir-reġistrazzjoni numru 51/1984 u l-ATT TAT-TWELID ta' iben ir-rikorrenti George Galea bir-reġistrazzjoni numru 143/1987.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

WHEREAS Yvonne Galea filed a sworn application no. 21/2026 (FG) in the names "Yvonne Galea vs Director Public Registry" demanding correction in the ACT OF BIRTH of the applicant Jane Galea née Gauci, registered in Gozo under registration number 433/1960, the ACT OF MARRIAGE of the applicant, registered in Gozo under number 212/1982, the ACT OF BIRTH of the applicant's daughter Hilda Grech under registration number 51/1984, and the ACT OF BIRTH of the applicant's son George Galea under registration number 143/1987.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni Ġenerali.

Illum, 15 ta' Ġunju, 2026

LIANNE PORTELLI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction — General Section.

This 15th June, 2026

LIANNE PORTELLI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1602

BILLI Samara Mejlak ippreżentat rikors ġuramentat numru 63/2026 (FG) fl-ismijiet: "Samara Mejlak pro et noe –vs– Direttur Reġistru Pubbliku" fejn talbet il-korrezzjoni talATT TAT-TWELID ta' Thiago Da Silva li jġib in-numru sebgħin tas-sena elfejn, ħamsa u għoxrin (70/2025).

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn ilQrati fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

WHEREAS Samara Mejlak filed a sworn application no. 63/2026 (FG) in the names "Samara Mejlak pro et noe –vs– Director Public Registry" demanding correction in the ACT OF BIRTH of Thiago Da Silva bearing number seventy of the year two thousand, twenty-five (70/2025).

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni Ġenerali.

Illum, 15 ta' Ġunju, 2026

LIANNE PORTELLI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction - General Section.

This 15th June, 2026

LIANNE PORTELLI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1603

B'digriet tad-9 ta' Ġunju, 2026 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Procedura u Organizzaz\joni Ċivili (Kap. 12)

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-21 ta' Jannar, 2026 minn HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) Subbasta bin-numru 1/26 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) Vs Paul Galea (KI 26167G) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-fond urban li jikkonsisti f'terran bin-numru uffiċjali erbatax (14) u mingħajr isem, ġewwa Triq San Gejtanu, il-Ħamrun, kif sottopost għal proprjetà ta' terzi u soġġett għas-servitu ta' aperturi, ta' twaqqigħ tal-ilma tax-xita u għandu l-komunjoni tas-sistema tad-drenaġġ mal-proprjetà viċina, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet, ġustajiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dana kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin tat-22 ta' Diċembru, 2010

By a decree given on the 9th June, 2026 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 21st January, 2026 by HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) Judicial Sale file number 1/26 in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) Vs Paul Galea (ID 26167G) is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The urban tenement consisting of a maisonette without name and officially numbered fourteen (14) in Triq San Gejtanu, in Ħamrun, underlying third party property, and as subject to the windows and rain water servitude, and with the drainage system in common with the nearby property, otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and this as better described in the acts of Notary Henri Darmanin of the 22nd December, 2010.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Paul Galea (KI 26167G).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 15 ta' Ġunju, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said property belongs to Paul Galea ID 26167G.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 15th June, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1604

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Marzu, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Dr Patrick Sciberras vs Ebrahim Mahood et, Rikors Nru 33/2026JG, ġiet ordnata s-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Ebrahim Mahood u Hussein Khadija a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Dr Patrick Sciberras (KI 20864G) vs Ebrahim Mahood u Hussein Khadija preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-26 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrenti Dr Patrick Sciberras (KI 20864G) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jaqta' u jiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ fit-termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jiżgombraw minn dan il-fond 83, Triq Isouard, Marsa, Malta mikri lilhom b'kirja li ntemmet kif fuq imsemmi;

3. Jikkundanna lil konvenuti is-somma ta' €387.13. Bl-imgħax skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kollha inkluża VAT u bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni. Dawn it-talbiet kollha qed isiru mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra spettanti lill-attur.

Esponenti: Dar Anna, Triq Sannat, Ta' Sannat, Għawdex.

Notifika Intimati: Ibrahim Mahood – 83, Triq Isouard, il-Marsa u Hussein Khadija – 83, Triq Isouard, il-Marsa.

Ir-rikors fl-ismijiet Dr Patrick Sciberras vs Ebrahim Mahood et, rikors numru 33/2026JG jinsab differit għall-15 ta' Lulju, 2026 f'12.20 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 16 ta' Ġunju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 26th March, 2026 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Dr Patrick Sciberras vs Ebrahim Mahood et, Application Number 33/2026JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Ebrahim Mahood and Hussein Khadija in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Dr Patrick Sciberras (ID 20864G) vs Ebrahim Mahood and Hussein Khadija, filed in the Rent Regulation Board, on the 26th January 2026, the applicant Dr Patrick Sciberras (ID 20864G) requested this Honourable Board why it should not:

1. Decide this cause without proceeding to trail in terms of Article 16A of Chapter 69 of the Laws of Malta;

2. Condemn the defendants so that within a short and peremptory period fixed to them they vacate from this premises 83, Triq Isouard, Marsa, Malta leased to them by a lease which ended as above mentioned;

3. Condemn the defendants the sum of €387.13. With interest according to law.

With all costs including VAT and with the defendants from now summoned so that a reference to their oath be made. All these demands are being made without prejudice to other rights due to the plaintiff.

Applicant – Dar Anna, Triq Sannat, Ta' Sannat, Gozo.

Notification Respondents: Ibrahim Mahood – 83, Triq Isouard, Marsa and Hussein Khadija – 83, Triq Isouard, Marsa.

The application in the names Dr Patrick Sciberras vs Ebrahim Mahood et, Application Number 33/2026JG has been postponed for hearing to the 15th July, 2026 at 12.20 p.m.

Registry of the Superior Courts, today, 16th June, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603